**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2151**

KAZ 2712

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Martin Chetcuti

u

MRCD Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 14 ta' Mejju 2012.

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors prezentat fir-registru tal-Qorti fl-24 ta' Settembru 2009.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Martin Chetcuti, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Edward Gatt u MRCD Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Bernard u Antonia Cachia assistiti mill-Avukat Neville Young.

Fir-rikors l-appellant qal li t-tkeccija kienet ingusta ghaliex hu dejjem mexa mar-regoli u struzzjonijiet tas-superjuri, dejjem hadem b'mod ezemplari u qatt ma nghata xi *warning*. Zied li hu missier ta' familja bit-tfal li l-introjtu taghha kien gej biss mix-xoghol tieghu. Barra minn hekk tant hadha bi kbira t-tkeccija li kellu attakk tal-qalb.

Il-Kumpanija sostniet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex l-appellant kellu attitudni negattiva u kien inghata diversi twissijiet bil-kelma izda ma biddilx l-atteggament. Hu ma kellux motivazzjoni jew interess lejn ix-xoghol u kien jaghmel fattieh. F'diversi okkazzjonijiet naqas mid-doveri tieghu u naqas milli jattendi ghax-xoghol jew abbanduna l-post minghajr gustifikazzjoni. Kien stqarr li ddejjaq jahdem u ried jieqaf. Barra minn hekk sakkar id-Direttur Bernard Cachia fil-*basement* tal-hanut u aggredih, kellmu hazin u offendieh.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

dak li qal l-appellant fir-rikors li l-familja kienet tiddependi mix-xoghol tieghu biss m'hux minnu ghaliex il-mara tieghu kienet ilha 21 sena tahdem *full-time* f'kariga manigerjali bi qliegh sostanzali wisq aktar mid-dhul tieghu u ghada tokkupa din il-kariga. Fil-fatt hu kien ghamel madwar 8 snin ma jahdimx u jiehu hsieb it-tifel u d-dar.

Kien id-direttur li kien tah impieg meta ltaqa mieghu u qallu li mhux jahdem u ghamel kollox biex jakkomodah dwar hinijiet tax-xoghol ;

l-appellant kellu attitudni passiva fuq ix-xoghol u ma kienx lest li jghin f'*deliveries* meta jkun hemm il-htiega kif imnizzel fil-*job description* ;

l-incident li finalment wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant sehh fis-16 ta' Gunju 2009. Hu kien ghamel bejh ta' kamra tal-banju izda ma kienx inkluda prezz tal-*bathroom mixers* b'telf ghall-Kumpanija ta'€ 124.26. Kien intalab biex ikellem il-klijenti halli jigi rrangat l-izball u jingabru l-flus izda hu ma riedtx ghax qal li dawn il-klijenti kienu nies difficli. Qal li se jaghmel tajjeb ghan-nuqqas u ffirma cheque minghajr ammont li ghaddieh lid-direttur. Sa hawn ma gara xejn hazin u l-appellant mexa b'mod korrett. Wara li d-direttur u s-sales manager ma rnexxilhomx jikkonvincuh biex ikellem il-klijenti d-direttur mela c-cekk bl-ammont ta' € 124.26, ipprezentah ghal hlas u baghatlu ricevuta. L-appellant sab oggezzjoni li d-direttur kien zammlu ir-*retail price* inkluz il-VAT u rrabja ghax ippretenda li ghall-inqas izommlu bil-*wholesale price.* L-ghada meta wasal d-direttur bil-karozza fis-*semi-basement* l-appellant nizel hemm u, skond id-direttur, aggredih, kellmu hazin u offendih. Ma kienx hemm haddiehor hemm isfel izda nstema hafna ghajjat li xhieda qalu kienet il-vuci ta' l-appellant u meta s-*sales manager* ipprova jinzel biex jara x'gara sab kullimkien maghluq. L-appellant kien imbaghad tela fuq, gabar xi affarjiet personali mill-iskrivanija u qal lis-segretarja "jien hawn gew ma nergax nidhol" u telaq il-barra ;

id-direttur kien ghamel rapport lill-pulizija dwar l-incident ;

l-appellant kien ghamel *stop payment* tac-cekk li kien ta lid-direttur.

Meta wiehed iqis ic-cirkostanzi tal-kaz jirrezulta li, apparti nuqqasijiet ohra, l-appellant kien ghamel zball b'traskuragni li kien jinvolvi telf lill-Kumpanija. Meta mitlub li jkellem l-klijenti biex jigbor il-flus irrifjuta li jaghmel hekk u offra li jhallas hu ghall-izball. Izda mbaghad ghamel xenata mad-direttur li fiha wera insubordinazzjoni serja u fuq kollox waqqaf il-hlas tac-cekk li kien ghamel biex ikopri n-nuqqas tieghu. L-izball kien hadu hu ghad-detriment tal-Kumpanija u ma kellu ebda gustifikazzjoni ghall-mod kif agixxa mal-principal tieghu.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

It-Tribunal josserva li l-appellant kien inghata zmien sad-29 ta' Frar 2012 biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finali izda, minkejja li tfakkar diversi drabi biex jaghmel dan, baqa' ma baghatiex u t-Tribunal kellu jghaddi ghad-decizjoni minghajrha.

Minhabba diversi differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disaghn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju

Mary Rose Galea
Segretarja